8 ta' Jannar, 1955

**Imħallef:**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija *versus* Joseph Bonavia

**Traffiku — Dawl — Char-a-Banc — Art. 2 tal-Kap. 105 — Reg. 79 u 178 tal-G.N. 24 tal-1948.**

*Ir-regolament tat-traffiku li jiddisponi li motor-car għandha jkollha dawl fuq il-parti ta' wara ("rear-light") huwa applikabbli anki għal "motor omnibus", iew char-a-banc; u dan avvolja wieħed jista' jkollu xi dubju dwar daqshekk billi l-liġi tagħmel distinzjoni fid-dispożizzjonijiet tagħha bejn "motor car" u "motor omnibus".*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni kontra l-imsemmi Bonavja quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli l-Bombi, fid-9 ta' Awissu, 1954, għal xi t-8.40 p.m., għamel użu minn char-a-banc 2596 bil-fanal ta' wara u tnejn mill-fanali ta' ġewwa mitfija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Ottubru, 1954, li biha sabet l-imputat ħati biss talli ma kellux erbgħa fanali ġewwa jixgħelu, u kkundannatu 7s. 6d. ammenda, u illiberatu mill-imputazzjoni l-oħra;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi riformata in kwantu li l-imputat jinstab ħati anki tal-ewwel imputazzjoni, li minnha ġie assolt mill-Ewwel Qorti;

Trattat l-appell;

Irriflettiet;

L-appell hu fuq kwistjoni ta' liġi;

L-Ewwel Qorti rriteniet li ma hemm ebda liġi li timponi li "motor-omnibus" għandu jkollu "rear-light";

Issa, ir-regolament numru 79 G.N. 24 tal-1948, jimponi, "inter alia", li motor car ikollu "a rear-light at the back of the vehicle". Issa, anki kieku wieħed kellu jiddubita għax janseb li l-liġi tagħmel distinzjoni, fid-dispożizzjonijiet tagħha, bejn "motor car" u "motor omnibus", peress li l-art. 2 tal-"parent law" (Kap. 105 Ediz. Riv.) tagħti definizzjoni separata għall-wieħed u għall-ieħor — dubju, pero', li jista' talvolta jiġi riżolut bit-termini ġenerali u komprensivi tad-definizzjoni tal-kelma "motor-car" — jibqa dejjem fatt li fir-regolament l-ieħor, numru 178, jingħad li "motor omnibus" għandu jkollu dawl elettriku intern adegwat għall-illuminazzjoni "in addition to the lights required under the provisions of regulations no. 79 and 87"; u appuntu r-reg. 79, kif ġa ingħad, jippreskrivi r-"rear-light". Kosikke', "se non altro", ir-reg. 79 hu applikabbli "per riferenza" anki għall-"motor omnibus";

Bħala fatt, ma ġiex kontrastat li l-"motor omnibus" tal-appellat ma kellux "rear-light"; u għalhekk anki dak ir-reat ġie pruvat;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-Prosekuzzjoni, tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara l-imputat ħati anki talli għamel użu minn char-a-banc bla "rear-light", u, wara li rat l-art. 17 tal-Kap. 105 u r-regolamenti fuq imsemmijin, tikkundannah għall-ammenda ta' 5s.

---